MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 99/2009

**Il-Pulizija**

**Vs**
**Nathalie Marmara**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-22 ta’ Novembru, 2008, ghall-habta ta’ 7.45 p.m., fi Triq Balbi, Marsa, hebbet ghal zewgha James Marmara’ w kkagunatlu griehi ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Satya Brata Das MD.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Marzu, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 221(1) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja w ghaldaqstant ikkundannatha xahar prigunerija sospiza ghal sena ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-24 ta’ Marzu, 2009, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha minn kull htija w piena w, jekk din it-talba ma tistax tintlaqa’, tirriforma l-istess sentenza billi tirriduci l-piena ghar-ragunijiet imsemmija ghal ohra minuri w iktar xierqa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, huma s-segwenti u cioe' li l-Ewwel Qorti
mill-provi prodotti kellha tasal ghall-konkluzzjoni inversa w tillibera lill-appellanti.
Hu l-appellant ma giex prodott biex jikkonferma r-ritratti li allegatament kien
ha tal-feriti li sofra James Marmara'. Ghalhekk dawn mhumiex ammissibbli
bhala prova. Ic-certifikat medku ma giex konfermat bl-affidavit tat-tabib skond kif
jirrikjedi d-dispost tal-artikolu 646 (7) tal-Kodici Kriminali. L-appellanti cahdet
b' mod kategoriku li hi f' xi hin jew b' xi mod girfet lil James Marmara' jew
ikkagunatlu griehi ta' kwalunkwe natura. Anzi kienet hi li giet aggredita.
Dan, fuq bazi ta' probabbilita', kellu jiskossa t-tezi sostnuta minn James Marmara'.
Ghalhekk l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti w l-appellanti
kellha tigi liberata minhabba kunflitt fil-provi. Minghajr pregudizzju, l-piena inflitta
hija eccessiva w sproporzjonata.

Rat il-verbal tal-lum li bih James Marmara’ ddikjara li qed jahfer lill-appellanti
inkondizzjonament u talab li ma jixhidx kontra taghha.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-aggravji dwar l-inammissibilita' tad-dokumenti esebiti,
hu minnu li c-certifikat mediku esebit ma giex konfermat b' affidavit jew
bil-gurament mit-tabib li rrilaxxjah quddiem il-Qorti kif ukoll li r-ritratti li
gew esebiti w li, skond James Marmara', ttiehdu minn zijtu, ma gewx konfermati
ghar-rigward tal-awtenticita' taghhom mill-persuna li hadithom. Ghalhekk dawn
id-dokumenti ma jistghux jitqiesu bhala prova ammissibbli f' din il-kawza w
din il-Qorti mhux ser tibbaza l-gudizzju taghha fuqhom.

Ghalhekk ladarba James Marmara’ ma ddeponiehx kontra martu w huwa
l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni, din il-Qorti ma’rrizultalha bl-ebda mod ir-reat dedott.

F’dan l-istat tal-provi, l-Qorti m’ghandhix alternattiva hlief li tillibera lill-appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata qed tigi
revokata w l-appellanti qed tigi liberata minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------